MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 274/2007

**Talba Nru: 274/07PBC**

**Chefs Choice Limited (C14656)**

**Vs**

**Pastaluovo Limited (C5040)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta’ attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ sitt mija w erbgha u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm634.61c) rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet li l-pretenzjonijiet vantati mis-socjeta' attrici huma intempestivi stante li bejn il-partijiet hemm vigenti ftehim ta' tpartit u ghaldaqstant l-ammont reklamat m'huwiex dovut. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta dejjem onorat l-obbligi assunti minnha fil-konfront tas-socjeta' Chefs Choice Limited u l-ebda ammont jew hlas m'hu dovut lill-istess socjeta' attrici. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat.

Sema' x-xhieda ta' Clayton Azzopardi, Albert Mangion u ta' Robert Gauci.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Kris Borg ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Franco Galea ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi bejn is-socjetajiet kontendenti kien hemm ftehim illi s-socjeta' konvenuta tixtri prodotti minghand is-socjeta' attrici u fl-istess hin is-socjeta' attrici tixtri affarijiet minghand is-socjeta' konvenuta u jidher ukoll illi l-volum ta' dawn ix-xirjiet rispettivi kienu sostanzjali u ma kienx ikun hemm hlasijiet reciproci izda kien hemm kont wiehed miftuh bejniethom fejn il-kont ta' bejgh wiehed kien jinqata' kontra il-kont tal-bejgh l-iehor.

Gara illi fl-2004 is-socjeta' attrici waqfet milli tixtri minghand is-socjeta' konvenuta u ghalhekk meta kienu qed isiru l-*purchases* da parti tas-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici, ma kienx ikun hemm *purchases* min-naha tas-socjeta' attrici li qed jigu kkreditati favur is-socjeta' konvenuta u b'hekk tela' l-kont mertu tal-kawza odjerna.
Mix-xhieda prodotta ma jidhirx li hemm kontestazzjoni mis-socjeta' konvenuta dwar l-ammont pretiz izda l-kontestazzjoni principali hija ghall-fatt illi hija tippretendi illi galadarba kien hemm ftehim ibbazat fuq xiri reciproku kif fuq spjegat, huma m'ghandhomx ihallsu fi flus izda jistghu

jaghtu kreditu favur is-socjeta’ attrici jekk u meta din tiddeciedi li tkompli tixtri minghand is-socjeta’ konvenuta.

Jirrizulta mill-provi wkoll illi meta bdew isiru l-interpellazzjonijiet tal-hlas, u anki qabel, meta ndunaw li s-socjeta’ attrici ma kienetx qeghda tixtri aktar minghand is-socjeta’ konvenuta presumibbilment ghaliex kien inbidel il-*purchasing manager*, saru sforzi min-naha tas-socjeta’ konvenuta sabiex tipperswadi lis-socjeta’ attrici tkompli tixtri izda ghalkemm saru zewg *purchases* ta’ ammonti zghar, ma baqghux isiru aktar *purchases* bhalma kien isir qabel.

Fid-dawl tal-provi rakkolti u fid-dawl tal-premess jidher evidenti li bhala *quantum* l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa dovut u l-veru kwistjoni hija jekk is-socjeta’ attrici tistax tesigi hlas ta’ l-istess jew ghandhiex tinghata forma ta’ kreditu liema kreditu jinqata’ kontra xi *purchases* li jidhrilha li tista’ taghmel ‘il quddiem u b’hekk allura tasal il-konkluzjoni li l-kawza odjerna tkun wahda intempestiva.

It-Tribunal huwa tal-fehma li dan huwa kaz klassiku ta’ kont kurrenti (account current) kif definit fl-**Artikolu 264 et seq tal-Kodici tal-Kummerc** li jiddefenixxi kont kurrenti bhala:

“Kuntratt li bih zewg persuni jiftehmu li r-rimessi ta’ xulxin jigu mnizzlin f’kont bhala partiti ta’ dejn u ta’ kreditu, bl-obbligu tal-parti li kontra taghha jinstab bilanc meta jinghalaq il-kont li thallas dak il-bilanc.”

Is-socjeta’ konvenuta donnha qeghda tippretendi li dan il-kont ghadu miftuh u ghalhekk ghandu jibqa’ jopera l-kont kurrenti izda huwa evidenti illi t-transazzjonijiet ilhom zmien li waqfu u ma jistax gustament jigi pretiz min-naha tas-socjeta’ konvenuta li dan il-kont jibqa’ miftuh indefinittivament.

Huwa evidenti illi f’dan it-tip ta’ kont, kull parti ghandu jkollu l-liberta’ illi meta jrid jista’ jwaqqaf tali ftehim u dan in mankanza ta’ ftehim espress mod iehor.

Galadarba huwa evidenti, kif fil-fatt huwa l-kaz, li ma kienx hemm zmien pattwit bejn il-partijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma illi kull wiehed mill-kontraenti kien fil-liberta' illi ma jkomplix f'din is-sistema u dak ikun il-*punctum temporis* il-kont jigi maghluq u meta wiehed jara min ghandu jhallas lil min.

Mill-provi prodotti jidher car illi minn meta dan il-kont gie maghluq ghad baqa' bilanc ta' sitt mija w erbgha u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm634.61c) dovut mis-socjeta' konvenuta favur is-socjeta' attrici u konsegwentement is-socjeta' konvenuta hija fl-obbligu li thallas l-ammont mitlub bl-interessi minn dakinhar li l-kont inghalaq u cjoe' meta saret l-ahhar transazzjoni li kienet fl-1 ta' Settembru, 2005.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija w erbgha u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm634.61c) bl-ispejjez kollha tal-kawza. L-interessi jibdew jiddekorru mill-1 ta' Settembru, 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------